# Fil-Mewt ta' Ġorġ Pisani

Gżira tat-Tliet Għoljiet għal min għannielek
Sikket fil-wied ħadran, tal-għasfur l-għana,
Istor l-ilwien tal-ward li s-sebħ għaddielek,
Warrab id-deħra sbejħa ta' Sultana.

Ilbes tal-vistu star u ħoll lil dlielek
Tislima xierqa 'l dan, poeta tagħna
B'rispett u qima lejh aħbi ftit ġmielek
Għax dan l-għannej tal-qlub illum mhux magħna.

Illum, int tlift missier li ħabb lil niesu
Aktar mill-istess dawl t'għajnejh daħkana
U ħadem bla mistrieħ, bla qata' jiesu

Għal ħolma ta' nazzjon b'tant irġulija

Biex jara 'l artu ħielsa, art ferħana
"Malta f'ilsien, u l-qalb, Malta Maltija."

***Carm Cachia***
(għalliem tal-Malti Għawdex)